MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 445/2013

**FGL Entertainment Limited (C-41655)**

**vs.**

**Ryan Mizzi K.I. 296992 (M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' seba' mija u ħames Ewro u sebgħin ċenteżmu (€705.70) premess illi:

1. l-intimat akkwista mingħand is-soċjetà attriċi merkanzija, liema merkanzija ġiet ikkonsenjata lilu;
2. illi l-konvenut naqas milli jħallas il-bilanċ ta' seba' mija u ħames Ewro u sebgħin ċenteżmu (€705.70) dovut minnu għall-prezz tal-merkanzija lilu mibjugħa u kkonsenjata;

3. illi nonostante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex iħallas huwa baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża

Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' seba' mija u ħames Ewro u sebgħin ċenteżmu (€705.70) oltre l-imgħax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' seba' mija u ħames Ewro u sebgħin ċenteżmu (€705.70), bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta' Lulju 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------